Direttur: Mons. Dun KARM PSAILA

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, "Empire Press" — Valletta.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1936

## L-IMĦABBA, DIK TĦOLL U TORBOT

L-Imħabba bħax-xemx: tiddi u ssaħħan u ssebbaħ kull ma tmiss bid-dija tagħha.

Tinżel ix-xemx, u qajla qajla kollox jibred, kollox jinża' minn ġmielu, kollox jitkebbeb fid-dlam: ebda ħaġa ma turi iżjed il-lwien tagħha, it-tifsila tagħha: iżda malli hi tarġa' tixref mix-xefaq, kollox jarġa' jilbes il-libsa tal-ferħ: il-ward igeġweġ u jlellex donnu jrid jurik b'saħħa l-lwien tiegħu mżewqa; is-siġar iħaddru fuq l-iswed tal-blat u fuq l-aħmar tar-raba'; quddiemek tinfirex it-tifsila tad-djar, tar-rħula, tal-bliet bil-knejjes, bit-triqat, bis-swar, u bir-raba' jew bil-baħar ma' dwarhom; u minn qalbek taqbeż, qisha tnehida ta' ferħ u ta' hena: O!

Hekk l-Imħabba. Fejn hemm l-imħabba hemm il-ħajja, hemm il-ferħ, hemm il-ġid: fejn ma hemmx l-imħabba hemm il-kesħa, hemm il-mewt; ebda ħajr, ebda ġmiel; kollox jitlef is-siwi tiegħu; u quddiem din il-ħerba l-qalb tħabbat għażżiena, il-għaqal u d-dehen jitilfu d-dawl tagħhom, u saħansitra s-sensi jitilfu setgħathom.

Hawn ħafna ma jħobbuhx il-Malti, għandu mnejn għaliex ma jafuhx u qatt ma ħadu ħsieb jafuh. Dawn il-ftiena ma jsibulu ebda ħajr, ebda ġmiel, ebda siwi; jgħidulek li hu fqir, li hu iebes, li hu aħrax għall-widna, li hu tqil biex titgħallmu u aktar biex tiktbu; li ma għandu l-ebda fejda, u mhux biss ma jgħaqqadniex ma' ġnus oħra, iżda bil-maqlub jifridna minnhom. Ma jħobbuhx, 'il-Malti, u jarawh u jhossuh hekk: ma hemmx id-dija ta' l-imħabba u l-Malti, għalihom, qiegħed fid-dlam.

Aħna nħobbuh, il-Malti; inħobbuh l-ewwelnett għaliex hu l-lsien ta' pajjiżna, ta' ġensna minn żmien qadim aktar minn ta' ħafna ilsna oħra ma' dwarna: inħobbuh, għax lilu smajna l-ewwel darba mill-fomm ta' dik il-mara li aħna ħabbejna l-iżjed, ta' ommna: inħobbuh, għaliex il-kelma tiegħu tfasslet u nħadmet u kibret fuq il-ħsieb tagħna kif il-qoxra ta' frotta tis-sawwar fuqha u tikber magħha; inħobbuh, għax hu l-lsien ta' kulħadd fil-gżejjer tagħna u jasal waħdu fil-moħħ u fil-qalb ta' kulmin jisimgħu, u fostna hu l-għodda l-iżjed ħafifa biex wieħed Malti jgħid lill-Maltin ħutu dak li ġara u dak li qiegħed jiġri fid-dinja, u jgħallimhom liema kienu l-ġrajjiet li minnhom għaddew mis-serijiethom u x'ifissru għal Malta dawk il-ġrajjiet; xin hi l-ħajja u x'tiswa; xin hi s-saħħa u kif iżżomm, xin huma s-snajja' u kif ninqdew bihom, xin hu jedd u xin hu dmir; xi tfisser liġi u xi tfisser libertà, u fuq kollox liema hi l-fawwara li minnha niżlin, bħala ilma tal-ħajr, dawn il-ħwejjeġ kollha sbieħ u għeżież.

U għax aħna nħobbuh lill-ilsen malti, narawh bid-dawl fuqu; narawh sabiħ u f'lewnu, ħafif, għani, qawwi, fejjiedi, kbir fis-siwi tiegħu, u, fil-poeżija, ħelu daqs ilsna oħra.

L-imħabba; dik id-dija li ssebbaħ; dak il-muftieħ li jaqfel u jiftaħ; dik il-ħajta tad-deheb illi torbot u tħoll.